**Minuti tal-421 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 9 t'Ottubru, 2013**

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku s-Sur Quinton Scerri ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Quinton Scerri, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Marc Vella Bonnici, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Brian Spiteri.

Is-Sur Mark Grech kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sindku talab li jsiru korrezzjonijiet fil-minuti tal 418-il laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Ħamis, 8 ta' Awwissu, 2013 peress illi ma kienx hemm referenza għal xi risposti li ta s-Sindku dwar l-attivitajiet li kienu ġew organizzati mill-Kunsill fl-1 ta' Ġunju u fis-27 ta' Lulju 2013.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paġna 44 u wara l-10 paragrafu jidħol il-kliem 'Is-Sindku qal li mportanti li kull attivita' tkun diskussa minn qabel mill-Kunsill.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paġna 44 u wara d-disa' paragrafu jitniżżel il-kliem 'Is-Sindku qal illi l-attivita' kienet ġiet organizzata mal-għaqdiet Żabbarin u l-*action team* kien qiegħed jikkomunika mal-istaff tal-Kunsill.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paġna 44 u wara l-ħames paragrafu jitniżżel il-kliem 'Is-Sindku qal li d-dawl kien ser jiġi armat mill-kuntrattur u l-Kunsill kien ser iħallas għal din l-ispiża.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paġna 44 u wara r-raba' paragrafu jitniżżel 'Is-Sindku qal illi l-kiri għas-servizz tal-*mobile toilets* kien ser isir mingħand il-kumpanija DDE Attard għall prezz ta' €94.40 u l-ispiża kienet ser titħallas mill-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll illi fl-attivita' tal-1 ta' Ġunju il-kumpanijia DDE Attard kienet offriet is-servizz tal-*mobile toilets* mingħajr ħlas.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paġna 44 u wara t-tieni paragrafu jiżdied il-kliem 'Is-Sindku qal li kien qed jippreżenta rendikont proviżorju u ser jiġi ppreżentat rendikont ieħor finali.'

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paġna 44 u wara l-ewwel paragrafu jiżdiedu l-kliem 'Is-Sindku qal li l-kappillan u s-Soċjetajiet tal-lokal kienu involuti fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet kif elenkat fil-minuti preċedenti.'

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace l-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paġna 43 u wara s-seba' paragrafu jiżdied il-kliem 'Is-Sindku qal li l-Maypole ġie mqabbad mill-għaqdiet tal-lokal u n-numru tal-mobile li deher fuq reklamar tal-attivita' minn fejn wieħed seta' jixtri l-biljetti kien ġie magħżul bi qbil bejn l-għaqdiet tal-lokal.'

Il-minuti tal-418-il laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 8 ta' Awwissu, 2013 ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sindku.

Il-Kunsill għadda biex japprova l-minuti tal-laqgħat li saru u li ma kienux għadhom ġew approvati.

Il-minuti tal-416-il laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 20 ta' Ġunju, 2013 ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mil-Viċi-Sindku.

Il-minuti tal-417-il laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 18 ta' Lulju, 2013 ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Il-minuti tal-419-il laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 27 ta' Awwissu, 2013 ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Il-minuti tal-420 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa, 28 ta' Awwissu, 2013 ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Spiteri qal li matul il-festa tal-Madonna tal-Grazzja kien hemm gabbani jbiegħu l-ikel fi Triq il-Kbira bil-permess tal-Kunsill. Is-Sur Spiteri qal illi din hija nuqqas ta' responsabbilita' minn naħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju qal li hu ma kien awtorizza l-ebda permess għal tqegħid ta' post jew gabbani fi Triq il-Kbira għax din kienet tmur kontra d-deċiżjoni u l-*policy* tal-Kunsill.

Is-Sinjura Calleja staqsiet għaliex ma kienx hemm infurzar lokali matul il-festa sabiex jiċċekkjaw il-permessi tal-festi. Is-Segretarju qal li kien ser jivverifika mal-*staff* biex jara jekk il-Pulizija kellhomx l-informazzjoni kollha biex setgħu jagħmlu l-infurzar.

Is-Sur Joseph Agius qal illi xi Pulizija kienu semmew il-lista tal-permessi li nħarġu mill-Kunsill.

Il-Viċi-Sindku qal illi normalment kull sena il-Kunsill jgħaddi kopja tal-permessi li nħarġu mill-Kunsill lill-Pulizija.

Is-Segretarju qal illi l-bejjiegħa għandhom l-obbligu li jkollhom l-permess li jkun inħareġ mill-Kunsill biex dan ikun jista' jiġi ċċekjat mill-Pulizija kull meta jkun meħtieġ.

Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jikteb formalment lill-Pulizija u jistaqsi jekk sarx infurzar matul il-ġranet tal-festa dwar it-tqegħid ta' posti u gabbani u jekk qatt kellhomx kopja tal-permessi.

Is-Sur Buttigieg issuġġerixxa li l-ewwel il-Kunsill jiċċekkja x'permessi inħarġu.

Is-Sur Spiteri staqsa għaliex bejjiegħ li jkun liċenzjat biex ibiegħ il-ħwejjeġ ikun ibiegħ l-ikel matul il-ġranet tal-festa. Is-Segretarju qal illi fuq kull permess maħruġ mill-Kunsill ikun hemm imniżżel x'jista' jinbiegħ.

Is-Sur Spiteri ppropona sabiex ir-riċeviment li jsir fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja ma jibqax isir nhar ta' Ġimgħa peress illi ħafna mill-mistiednin ikollhom impenji oħra relatati mal-festa.

Is-Sur Bonnici qal illi matul il-ġranet tal-festa ikun hawn fostna delegazzjoni barranija li normalment tiltaqa' mal-għaqdiet Żabbarin f'dan ir-riċeviment.

Is-Sur Pace qal illi t-Tlieta tal-gimgħa tal-festa ma jkunx hemm attivitajiet mill-għaqdiet Żabbarin.

Is-Sindku qal sabiex is-sena d-dieħla nitkellmu mal-għaqdiet u l-Kunsill jiddeċiedi liema tkun l-aħjar ġurnata meta jsir ir-riċeviment.

Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Spiteri u l-Kunsill qabel unanimament li r-riċeviment tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja ma jibqax isir nhar ta' Ġimgħa.

<u>Item 4 – Skeda tal-Pagamenti – Approvazzjoni</u>

Is-Sur Vella Bonnici talab sabiex iċ-ċekk numru 6645 għan nom tas-Sur Joseph Cassar ma jintbgħatx qabel ma s-Sur Cassar jagħti prova lill-Kunsill tal-*advertising* li hu għamel

billi jippreżenta rċevuti u dokumentazzjoni li tikkonferma l-ħlas li sar u tikkonferma l-avviżi u messaġġi li saru.

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*schedule of payments* għall-perjodu 18 ta' Lulju 2013 sat-8 t'Awwissu 2013 li kien jammonta għal €46, 813.06.

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*schedule of payments* għall-perjodu 9 ta' Awwissu 2013 sas-27 ta' Awwissu 2013 li kien jammonta għal €37, 560.71.

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*schedule of payments* għall-perjodu 28 ta' Awwissu 2013 sad-9 t'Ottubru 2013 li kien jammonta għal €134, 226.11.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Ġunju 2013 li kien jammonta għal €109.61.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Lulju 2013 li kien jammonta għal €67.80.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Awwissu 2013 li kien jammonta għal €80.22.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Settembru 2013 li kien jammonta għal €34.45.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Christian Salerno - GAL Xlokk fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi għall-applikazzjoni tal-Kunsill biex isir xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied hemm *capping* ta' €30,000 għal kull applikant, iżda hemm ċans li dan il-*capping* jista' jinżel sa massimu ta' €25, 000 apparti li l-Vat u 10 % tal-ammont totali jrid jiġi kopert mill-applikant.

Is-Sindku qal illi peress li l-istima biex tiġi *resurfaced* Triq Ħas-Sajjied telgħet għal madwar €86,000, qed jipproponi li l-Kunsill jagħmel *resurfacing* biss ta' żoni ta' quddiem ir-residenti sabiex tonqos l-ispiża. Is-Sur Vella Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill rapport tal-EIS dwar l-impjant tad-Drenaġġ f'Ta' Barkat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali Birgu dwar stedina għall-*workshops* bit-tema 'L-Ambjent u Int' li ser isir nhar il-Ħamis 31 ta' Ottubru 2013 u *workshop* ieħor bl-isem ta' 'Saħħtek u l-Ambjent' li ser isir nhar it-Tlieta 19 ta' Novembru 2013.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sindku ta' Villabate fejn awgura l-festa t-tajba lill-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat Olimpiku Malti dwar l-*MOC Sports Awards.*

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat fejn il-Kunsill ġie mitlub jipprovdi l-post fejn ser issir il-laqgħa, kif ukoll li l-istess Kunsill jinforma lill-għaqdiet u organizzazzjonijiet tagħhom dwar il-laqgħa li ser issir għalihom.

Fuq proposta tas-Sur Spiteri li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi l-post fejn ser isiru l-laqgħat u jintbgħatu inviti lill-għaqdiet.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn InfoNitrates Life + sabiex issir laqgħa dwar l-agrikoltura f'Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni li tiġi organizzata din il-laqgħa f'Misraħ is-Sliem.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija Curtain Raiser Entertainment dwar stedina għall-konferenza tal-aħbarijiet li ser issir nhar il-Ġimgħa 11 ta' Ottubru dwar attivita' li ser issir fil-perjodu ta' Halloween f'Ħaż-Żabbar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gordon Caruana minn Radju Hompesch fejn talab ikun jaf id-data ta' meta ser isir il-programm tal-Kunsill.

Is-Sur John J Pace issuġerixxa li nimxu mar-roster li kien ġie ppreparat mill-Kunsill. Is-Sur John J Pace qal ukoll li kien se jieħu ħsieb jinforma lis-Sur Gordon Caruana dwar meta ser isir l-programm 'Kunsill Lokali Live' li jmiss fuq Radju Ħompesch.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Clifford Vella fejn informa lill-Kunsill li kien ippubblika ktieb ġdid bl-isem '*Places of Interest in Gozo*'. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li tinxtara kopja ta' dan il-ktieb għal-librerija.

Inqrat Memo 23/2013 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar laqgħa li ser issir mill-Ministru għall-Familja u Solidarjeta Soċjali, l-Onorevoli Marie Louise Coleiro Preca, flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali l-Onorevoli Jose' Herrera fir-rigward tat-titlu LEAP.

Is-Sindku nforma lill-Kunsil li kien hemm applikazzjonijiet għall-fondi tal-GAL Xlokk u l-Kunsill jista japplika għall-fondi taħt l-*Embellishement Project.*

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japplika sabiex jinbena ħajt tas-sejjieħ mad-dawra tal-Masġar taż-Żebbuġ. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li japplika għal dawn il-fondi.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu l-opportunita' ukoll japplika għall-fondi tal-GAL Xlokk u jagħmel proġetti konġunt ma' għaqdiet volontarji. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir proġett ta' *cycling lane* u *jogging* mad-dawra tal-Masġar.

Is-Sur Spiteri staqsa jekk il-proġett tac-*cycling lane* u *jogging* mad-dawra tal-Masġar setax isir bejn iż-żewġ każini tal-banda.

Is-Sindku qal illi l-applikanti iridu jkunu organizzazzjonijiet mhux Governattivi u wieħed mill-każini għadu mhux reġistrata bħala għaqda mhux governattiva.

Fis-7.30 ta' filgħaxija il-Viċi-Sindku talab li jkun skużat.

Is-Sindku qal li kien hemm applikazzjoni tal-GAL Xlokk taħt it-titlu *Revival of A Past Activity*. Is-Sindku qal li taħt dan il-Proġett il-Kunsill seta' japplika għal €15,000. Is-Sindku qal ukoll li kien tkellem mal-kappillan li ssuġġerixxa Ħadd in-Nies.

Is-Sur Spiteri issuġġerixxa li tiġi organizzata l-attivita' l-Arblu ta' Mejju u l-Ottava tal-Festa.

Inqrat Memo 9/2013 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema ta' għajnuna għall-korsijiet *Lifelong Learning*.

Is-Segretarju qal illi l-korsijiet tal-*Lifelong Learning* kienu bdew u kien hemm konkorrenza tajba għall-korsijiet ta' tagħlim fil-Malti u l-Ingliż.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill pjanta ta' xogħol ta' titjib propost fi 'Ġnien il-Kunsill'. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jissottometti l-applikazzjoni mal-MEPA biex tinħareġ it-tender sabiex jinbdew ix-xogħolijiet. Is-Sur Pace issekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Christopher Bonello fejn lmenta mal-Kunsill illi l-kuntratt tal-manutenzjoni tal-latrini pubbliċi mhux qed tiġi regolata peress illi mhux qed ikun hemm attendenza regolari ma kull latrina u mhux jinżammu nodfa.

Is-Sur Bonnici talab sabiex il-Kunsill jivverifika dwar il-kontenut tal-ittra tas-Sur Bonello.

Is-Sur Bonnici reġa' talab li jitwaħħlu tabelli tal-ħinijiet tal-ftuħ u l-għeluq tal-latrina.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Robert Cilia, *Transition Coordinator* fejn staqsa jekk il-Kunsill hux interessat ikollu *work placement* fil-Kunsill taħt l-skema *Job Exposure.*

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja l-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa f'din l-iskema permezz ta' persuna waħda.

Fis-7.40 is-Sur John J Pace talab li jkun skużat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar stedina għall-laqgħa dwar il-proġett *E2 Stormed* li ser issir fit-23 ta' Ottubru 2013 fil-lukanda Corinthia San George San Ġiljan.

Inqrat korrispondenza mibgħuta min NASOM dwar stedina għall-forum li ser isir nhar il-Ħamis, 24 ta' Ottubru, 2013.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fejn talbu lill-Kunsill jikkonferma jekk għadx hemm il-ħsieb li jsir ix-xogħol li kien propost fi Triq tal-Plier kif ukoll fi Triq l-Inkurunazzjoni.

Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill ikompli jagħmel pressjoni mal-Korporazzjoni Enemalta peress illi x-xogħol fi Triq l-Inkurunazzjoni ma jistax isir minħabba xogħol li kellu jsir mill-Korporazzjoni *EneMalta.*

Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill ittra legali mibgħuta lill- Kunsill dwar inċident li allegatament ġarrab sid ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ABL 673 fi Triq Ħas-Sajjied f'Ħaż-Żabbar, liema ħsara tammonta għal €1,030.06. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jżomm il-pożizzjoni tiegħu u ma jaċċettax responsabbilita' ta' din il-ħsara.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba dwar estenzjoni tal-iskema ta' restawr ta' postijiet storiċi ġiet milqugħa u ngħatat estensjoni ta' sitt xhur sabiex jitlesta x-xogħol ta' restawr tal-Għajn tal-Bhejjem fi Triq Wied il-Għajn.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza dwar talba għal *reduced hours* li saret mill-impjegata tal-Kunsill is-Sinjorina MaryRose Caruana. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li t-talba tal-impjegata biex taħdem ħinijiet mnaqqsa tiġi aċċettata.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Anthony Farrugia li nforma lill-Kunsill li ma setax jaċċetta l-kariga ta' Editur tal-pubblikazzjoni Città Ħompesch minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Vella Bonnici il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-38, 39, 40, 41, 42, 43, 44 u tal-45 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Michael Buhagiar mill-Mużew tas-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar dwar l-istat ħażin li tinsab fih il-kapella ta' San Anard limiti ta' Ħaż-Żabbar

u t-triq ta' quddiem il-kapella peress illi fl-ittra tiegħu s-Sur Buhagiar qal li t-triq ġiet mogħllija u l-binja ġiet l-isfel bil-konsegwenza li qed iżomm hafna l-ilma tax-xita quddiem il-kappella. Minbarra hekk meta twessgħet it-triq, inbena ċint, u nżergħu pjanti li l-għeruq tagħhom qed jagħmlu ħsara lill-faċċata tal-binja. Is-Sindku qal li l-Kappella hija proprjeta privata u għaldaqstant kull intervent fuqha irid isir mis-sidien.

Inqrat Memo 16/2013 mibgħuta mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali dwar xiri ta' materjal edukattiv fl-iskejjel. L-għajnuna finanzjarja li jista jagħti l-Kunsill m'għandix taqbeż is-somma ta' €200 fis-sena.

Is-Sur Buttigieg qal li waqt laqgħa li kellu mas-Surmast tal-Iskola ġie mitlub jressaq quddiem il-Kunsill talba għall-għajnuna għal-xiri ta' kotba għal-librerija tal-iskola kif ukoll kotba għall-prize day. Is-Sur Buttigieg ippropona li l-Kunsill jixtri l-kotba tal-*prize day* tal-iskejjel Primarji kif ukoll kotba għal-librerija tal-iskejjel Primarji ta'Ħaż-Żabbar, liema spiża ma taqbiżx il-€200. Is-Sur Vella issekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Guido Zammit mill-*Employment and Training Corporation* fejn il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Kenneth Zammit ġie trasferit mal-Kunsill Lokali tal-Floriana.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Onor Joe Mizzi dwar laqgħa ta' konsultazzjoni li kienet saret mal-Kunsilli Lokali. L-Onor Joe Mizzi qal li l-problemi u s-suġġerimenti li ġew diskussi waqt din il-laqgħa qed jiġu evalwati skont l-importanza tagħhom.

Is-Sur Vella semma l-bżonn ta' Bus Shelter fi Triq is-Santwarju sabiex in-nies ikunu jistgħu jistkennu mill-ilma tax-xita.

Is-Sur Joseph Agius ippropona li jitneħħa l-*bus stop* minn Triq is-Santwarju peress illi ma hemmx fejn isir *bus shelter*. Fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja l-Kunsill qabel unanimament li jitlob lil Transport Malta jneħħi dan il-*bus stop*.

Dwar Memo 14/2013 mibgħuta mid-Dipartiment għal-Kunsill Lokali fejn il-Kunsill ġie mitlub jiftaħ *merchant account*, il-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja qabel unanimament li jinfetaħ *merchant account* mal-Banek HSBC u BOV.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Maria Zammit, mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali dwar il-*leave* tas-Segretarji Eżekuttivi.

Inqrat ittra mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv b'referenza għall-ittra mibgħuta mis-Sinjura Zammit fejn is-Segretarju Eżekuttiv talab il-permess tal-Kunsill sabiex iħalli aktar minn 40 siegħa vacation leave għax-xhur Novembru u Diċembru 2013 peress illi mhux ser ikun possibli għalih li jieħu l-leave kollu matul Ottubru u dan minħabba esiġenzi ta' xogħol.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju jingħata l-approvazzjoni biex iħalli aktar minn 40 siegħa leave għax-xhur ta' Novembru u Diċembru 2013.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill petizzjoni mressqa mir-residenti ta' Triq il-Grazzji li talbu biex tingħalaq parti mit-triq minn naħa tal-isqaq lejn Triq is-Santwarju. Minbarra hekk ir-residenti talbu ukoll li Triq il-Grazzji tkun miftuħa għar-residenti biss.

Is-Sur Joseph Agius talab li Triq il-Grazzji tingħalaq permezz ta' *bollard*. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekonda mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li tintalab l-approvazzjoni biex Triq il-Grazzji tingħalaq bil-*bollard.*

Inqrat ittra mibgħuta mis-Sinjura Doris Dalli li talbet sabiex isiru double yellow lines fi Triq il-Kapuccini peress illi t-triq mhix wiesgħa biżżejjed u qed ikun hemm periklu għas-sewwieqa u għan-nies.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill pjanta dwar il-proġett tal-*Flood Relief* fit-toroq ta' Ħaż-Żabbar u qal li dan il-proġett ġie estiż biex jindirizza l-problema ta' għargħar ta' ilma tax-xita fi Triq l-Iskola u t-toroq tal-viċinanzi.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Direttur tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment ġedded għal 90 jum il-ħatra tas-Sinjura Isabelle Testaferrata de Noto bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali, Il-Birgu.

Is-Sur Vella u s-Sur Bonnici qalu li l-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar kien qiegħed *short of staff.* Is-Sindku ppropona li din il-problema ta' nuqqas ta' *staff* tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Is-Sur Buttigieg issekondata u kulħadd qabel li dan is-suġġett jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

<u>Item 6 – Rapport tal-Attivitajiet</u>

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill rapport finali mħejji minnu ta' dħul u nfiq tal-attivita tal-1 ta' Ġunju 2013 – *The Malta International Food Festival.* Il-ħruġ totali tal-attivita kien ta' € 13, 593.06 u d-dħul totali kien ta' € 6,799.50.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill rapport finali mħejji minnu tal-ħruġ u d-dħul tal-attivita tas-27 ta' Ġunju 2013 – *The Longest Table In The World.* Il-ħruġ totali jammonta għal €4,172.54 filwaqt illi d-dħul totali kien €69.87.

Is-Sindku qal li ż-żewġ attivitajiet saru flimkien mal-għaqdiet Żabbarin.

Is-Sur Marc Vella Bonnici qal li f'din il-lista ma kienux qed jidher rendikont sħiħ tal-organizzazjoni tal-attivita' *The Longest Table in the World.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jekk mill-lista ppreżentata mis-Sindku jirriżulta li hemm xi flus li qed jidhru bħala donazzjonijiet meta fil fatt dawn il-flus ikunu ġew minn sorsi oħra, dawn il-flus ma jistawx jidħlu fil-kotba tal-Kunsill bħala donazzjonjiet.

<u>Item 7– Komunikat mis-Sindku</u>

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien intalab jorganizza Sports Fest fl-20 ta' Ottubru flimkien mal-Knisja taż-żona ta' Sant Andrija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Vella il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attivita flimkien mal-Knisja ta' Sant Andrija u li jagħti tifkira tal-okkażjoni lill parteċipanti liema spiża m'għandiex taqbeż is-somma ta' €350.

Is-Sindku ippropona sabiex ic-China Cultural Centre torganzza kunċert bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill għall-okkażjoni tal-20 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sinjura Calleja qalet li kienet hi li għamlet is-suġġeriment lis-Sindku sabiex dan il-kunċert ikun parti miċ-ċelebrazzjoni tal-20 sena anniversaju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sinjura Calleja issekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimanet li jiġi organizzat il-kunċert flimkien mac-China Cultural Centre.

<u>Item 8 - Komunikat mis-Segretarju</u>

<u>Aġġudikazzjoni tal-offerti għal xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq l-Inkurunazzjoni – ZLC 6/2013</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill żewġ offerti li ġew mitfugħa għall-resurfacing ta' Triq l-Inkurunazzjoni f'Ħaż-Żabbar – ZLC 6/2013. L-offerti mitfugħa kienu mingħand :

| **<u>Kuntrattur</u>** | **<u>Dokumenti</u>** | **<u>Prezz</u>** |
|---|---|---|
| Central Asphalt Limited | Mimlija u ffirmati | €50,663.50 |
| S&M Contractors Limited | Mimlija u ffirmati | €59,494.75 |

Inqara r-rapport li tħejja mill-*Contract Manager* tal-Kunsill il-Perit William Lewis dwar l-offerti li ġew sottomessi. Il-Perit Lewis irrakomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand il-kumpanija Central Asphalt Ltd għall-prezz totali ta' €50,663.50.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li joqgħod fuq il-parir tal-Perit u jagħżel l-offerta mingħand Central Asphalt.

Aġġudikazzjoni tal-offerti għall-restawr tal-Għajn tal-Bhejjem – ZLC 7/2013

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ma kien hemm l-ebda offerta għal dan ix-xogħol. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li terġa' tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex tiġi rrestawrata l-Għajn tal-Bhejjem.

Aġġudikazzjoni tal-offerti għas-servizz ta' librara – ZLC 8/2013

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill offerta waħda li ġiet mitfugħa għas-servizz ta' librara – ZLC 8/2013. L-offerta mitfugħa kienet mingħand :

| **Kuntrattur** | **Dokumenti** |
|---|---|
| MaryGrace Vassallo | *Non Collusive Tender Certificate* mhux iffirmati u t-*Tender Form* mhux mimlija |

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondat mis-Sur Joseph Agius, l-Kunsill qabel unanimament li terġa' tinħareġ sejħa b'urġenza għall-offerti li għandha tkun miftuħa għal perjodu ta' tmient ijiem.

Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Ġunju 2013. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet għall-polza ta' assigurazzjoni tal-Kunsill - ZLCQT 1/2013

Is-Segretarju Eżekuttiv reġa' ressaq quddiem il-Kunsill il-*quotations* li kienu ngħataw għat-tiġdid tal-polza ta' assigurazzjoni tal-Kunsill. Ingħatat *quotation* mill-kumpanija *Island Insurance Brokers* għall-prezz ta' €1,323.71 u oħra mingħand *Citadel Insurance* għall-prezz ta' €1,301.33, mingħand *All Care Brokers plc* għall-prezz ta' €1,908.75 u oħra mingħand *Untours Insurance* għall-prezz ta' €1,902.58. Fuq proposta tas-Sur Vella Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-offerta tal-*Island Insurance Brokers* peress illli d-differenza fil-prezz hija waħda żgħira ħafna u hemm numru ta' *claims* pendenti u il-Kunsill ilu għal snin twal assigurat ma' din il-kumpanija.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' *works manager – project co-ordinator* mal-Kunsill (ZLC 9/2010) kien ser jagħlaq u billi dan il-kuntratt ma jistax jerġa` jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg u li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2012) kien għalaq u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġġeddiedx jew le dan il-kuntratt għal sena addizzjonali.

Is-Sindku qal li diversi *soft areas* ma kienux qed jinżammu nodfa fil-*Housing Estate*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekonda mis-Sur Bonnici l-Kunsill qabel unanimament li jagħmel laqgħa mal-avukat Ronald Cuschieri u mas-Sur Charlie Attard dwar iż-żamma u l-manutenzjoni tas-*soft areas* u r-*roundabouts* qabel ma jġedded il-kuntratt.

<u>Item 8 - Komunikazzjoni mill-Kunsilliera</u>

Is-Sur Spiteri nforma lill-Kunsill li kien ser jagħmel laqgħa flimkien mas-Sindku u ma l-azjendi ta' Ħaż-Żabbar sabiex jiddiskuti l-possibilta' li jiġu organizzati attivitajiet għal żmien il-Milied. Is-Sur Spiteri qal li kien ser jibgħat korrispondenza sabiex javża lill-ażjendi Żabbarin.

Is-Sur Buttigieg qal li minn informazzjoni li kellu x-xogħol ta' tarmak fi Triq San Patrizju ma kienx ser isir tul it-triq kollha. Is-Sur Buttigieg talab sabiex il-Kunsill jagħmel pressjoni fuq il-Gvern sabiex Triq San Patrizju tingħata kollha bit-tarmak.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi peress illi parti mit-triq saret perikoluża.

Is-Sindku qal li darba fix-xahar ser jibda jsir xogħol ta' manutenzjoni ta' toroq fejn l-aktar ikun meħtieġ.

Is-Sur Buttigieg qal illi fil-parti magħrufa tal-Fatah kien hemm ħafna ħmieġ. Is-Sindku qal illi l-Gvern Ċentrali kien qed inaddaf diversi żoni madwar Malta u Għawdex.

Is-Sur Bonnici talab sabiex tiġi rranġata l-bankina fi Triq Alessio Erardi peress illi kienet perikoluża. Is-Sindku nfurmah li dan ix-xogħol kien ser issir mill-Kunsill.

Is-Sur Bonnici talab sabiex il-Kunsill ikun infurmat meta l-ħaddiem tal-IPSL ikun ser jagħmel xogħol ta' sahra. Is-Sindku qal li minħabba l-urġenza tax-xogħol mhux dejjem ikun possibli li jinforma lill-Kunsill. Is-Sur Buttigieg qal li Kunsilli oħra għandhom iktar minn ħaddiem wieħed tal-IPSL.

Is-Sindku qal li qed jipprova jġib aktar ħaddiema taħt il-*community work scheme*.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk kienx ġie ffirmat il-*leave* pendenti tas-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv kien ħa l-*leave* mitlub. Is-Sindku qal li huwa ma kienx iffirma l-applikazzjoni tal-*leave* tal-4 ta' Lulju 2013 peress illi ma kienx ġie avżat kmieni u ma kienx iffirma minn qabel l-applikazzjoni tal-*leave* ta' bejn id-9 ta' Settembru 2013 u 13 ta' Settembru 2013 għax kienet il-ġimgħa tal-festa.

Is-Segretarju qal illi fl-4 ta' Lulju 2013 kellu bżonn ġurnata *leave* ta'emerġenża u kien ċempel filgħodu kmieni l-uffiċċju tal-Kunsill u ġiet imtella fil-kalendarju elettroniku immedjatament kif inhi l-proċedura.

Is-Sindku qal li kull każ ta' talba għal *leave* mis-Segretarju Eżekuttiv anke ta' emerġenza għandha ssir biss lis-Sindku.

Is-Sur Bonnici lmenta dwar iż-żebgħa li saret mal-Monument tal-Gwerra u qal li s-xogħol li sar ma ġiex estetikament sabiħ.

Is-Sinjura Calleja qalet li kienet attendiet għal konferenza tan-*National Commission for the Promotion of Equality* u ġabet pubblikazzjoniet dwar l-ugwaljanza għal kull kunsillier. Is-Sinjura Calleja qalet li kienet ġabet *leaflets* dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi sabiex dan jitqassmu fid-djar f'Ħaż-Żabbar. Is-Sinjura Calleja qalet li l-ugwaljanza tista' tolqot kemm l-irġiel kif ukoll lin-nisa għalhekk dan is-suġġett għandu jkun ta' interess għal kulħadd.

Is-Sinjura Calleja nfurmat lill-Kunsill li kienet attendiet għal seminar tal-*Europe Direct Information Centre* (EDIC) bit-titlu *Know Your Right*s. Is-Sinjura Calleja qalet li waqt dan is-seminar hija talbet sabiex jingħataw kopja tal-pubblikazzjonijiet sabiex iċ-ċittadini ikunu jistgħu jiġbru din il-pubblikazzjoni mill-Kunsill.

Is-Sinjura Calleja qalet li waqt li laqgħa li kellha mas-Sinjorina Laura Busuttil ġiet diskussa l-possibilita' li jiġu organizzati ħames sezzjonijiet ta' *story telling* u *listening skills* għat-tfal ta' bejn il-ħamsa u disa' snin għall-prezz ta' €250 għal kull grupp.

Is-Sinjura Calleja qalet li kienet ġiet avviċinata mis-Sinjura Maria Angela Schembri Meli sabiex jiġu organizzati gruppi ta' *story telling* minn volontiera għat-tfal ta' eta żgħira. Is-Sinjura Calleja qalet ukoll li s-Sinjura Schembri Meli lesta ukoll tagħti għajnuna lill-volontieri.

Is-Sindku talab lis-Sinjura Calleja sabiex tikkomunika mal-Kunsillier s-Sur Vella peress illi dan is-suġġett kien jaqa' taħt id-dekasteru tas-Sur Vella.

Is-Sinjura Calleja qalet li kienet avviċinata mis-Sur Zammit li staqsiha dwar korrispondenza mibgħuta lill-Kunsill minn *Marsaxlokk Aquatic Sports Club* u talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex issir pubbliċita għal-taħriġ tal-għawm lir-residenti Żabbarin.

Is-Sinjura Calleja qalet li c-China Cultural Centre offrew li jingħataw kotba għall-librerija tal-Kunsill.

Is-Sinjura Calleja talbet sabiex isir tindif aktar regolari fid-daħla taċ-Ċentru Ċiviku kif ukoll jiżdiedu l-bankijiet fl-istess daħla.

Is-Sinjura Calleja ssuġġeriet li l-Kunsill jibda l-proċess sabiex nhar ta' tlieta tinġabar biss il-borża tar-reċiklaġġ.

Is-Sindku ppropona li s-suġġeriment tas-Sinjura Calleja jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. Is-Sinjur Calleja issekondat u kulħadd qabel.

Is-Sur Vella ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħti nformazzjoni lill-pubbliku anke permezz ta' *leaflet* informattiv dwar il-korsijiet offruti mill-Kunsill stess.

Is-Sur Joseph Agius informa lill-Kunsill li kienet ser tiġi miżbugħa z-*zebra crossing* ta' Triq il-Kunvent fil-viċinanzi tal-istitut tas-sorijiet.

Is-Sindku qal li fis-sala tal-Kunsill kienu qed jiġu organizzati korsijiet *Friends of the Earth.*

Item 10 – Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fid-9.20 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvat fil-422 il laqgħa li saret nhar il-Erbgħa, 23 t'Ottubru, 2013.

Quinton Scerri
Sindku